MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 699/2011

**Peter Cachia**

**-vs-**

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-21 ta' Lulju 2011 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:

Illi huwa twieled nhar il-21 ta' Marzu 1967;

Illi ċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu ġie reġistrat fl-atti tat-Twelid numru 1333/1967 (kopja annessa u mmarkata Dok A)

Illi l-isem li bih huwa konsistentement magħruf, huwa 'Pierre' u mhux 'Peter' kif ġie rreġistrat;

Illi l-esponenti jixtieq jipprevalixxi ruħu, mid-dispożizzjoni ta' l-Artikolu 253 *et seq* tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, fis-sens illi fil-kolonna intestata 'Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa' l-isem 'Peter', jiġi sostitwit bl-isem 'Pierre'.

Għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Jiġi ddikjarat illi l-isem li bih ir-rikorrenti kien konsistentement magħruf kien 'Pierre' u mhux 'Peter', kif jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu.

2. Tordna lill-intimat sabiex fl-att tat-Twelid numru 1333/1967, fil-kolonna intestata 'Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa, l-isem 'Peter' jinbidel u jiġi jaqra 'Pierre', u dan *ai termini* tad-dispożizzjoni tal-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Tordna wkoll lill-intimat sabiex in segwitu, jottempera ruħu mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat, minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ppreżentata fid-19 ta' Awissu 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi *in linea* preliminari jingħad illi huwa meħtieġ li talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

Illi madankollu f'dan l-istadju l-esponent umilment jirrileva li d-dokumenti li ġew esibiti mir-rikorrenti flimkien mar-rikors ġuramentat, waħidhom, mhumiex biżżejjed biex jipprovaw li l-isem tar-rikorrenti huwa magħruf bħala Pierre kif hekk jeżiġi l-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk magħdud mal-imsemmija dokumenti r-rikorrenti jrid iressaq xhieda affidabbli *viva voce* jew jippreżenta affidavits ta' familjari li għandhom jikkonfutaw it-teżi tiegħu ossia li tul ħajtu huwa kien konsistentement msejjaħ bħala Pierre u mhux Peter;

Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti, tenut kont ukoll tal-fatt li kien missier ir-rikorrenti stess, Edward Cachia, li kien għamel id-dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid *de quo* u kien anke ffirma li l-informazzjoni li hemm kontenuta kienet waħda korretta;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tal-15 ta' Diċembru 2011 fejn il-kawza ġiet differita għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi fir-rigward isimha hija evidentement ġustifikata billi l-attriċi dejjm kienet magħrufa bħala **Pierre** u mhux kif indikat fiċ-ċertifikati in kwistjoni. Jidher pero’ li l-konvenut ma jaħtix ghal izball u ghalhekk m’għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa’ t-talbiet attriċi kif dedotti.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-attur stess.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------